


# Il-Madonna fil-poeżija Maltija

*Is-Sur Brian Bonnici*

L-imħabba li l-poplu Malti għandu lejn il-Madonna hija ndiskuttibbli u ndeskrivibbli u m'hemmx dubju li dwarha hemm ħafna x'tikteb u tgħid. Nafu li sa mill-bidu tal-Kristjaneżmu fuq din l-art il-poplu tagħna ħaddan ma' qalbu u għożż it-tikfira ta' Ommna Marija, dik li ġabet fid-dinja lis-Salvatur tagħna, il-magħżula li kellha tissieħeb fil-pjan tas-Salvazzjoni. L-imħabba lejn Ommna Marija ssibha madwarna u kullimkien, tiltaqa' magħha l-ħin kollu. Sadanittant bosta huma l-knejjes u l-kappelli f'ġieħha. Bosta huma x-xbiehat tagħha u daqstant ieħor id-devozzjonijiet lejha taħt diversi titli. Fost dawn ix-xbihat insemmu dik tal-Madonna tal-Mellieħa li hi fost l-eqdem. Ċertament li din l-imħabba tal-ulied lejn ommhom timmanifesta ruħha sew fl-arti fosthom fil-kitba u anke fil-leġġendi. Bħala eżempju nsemmi biss il-Leġġenda tal-Madonna tal-Isperenza tal-Mosta.

Żgur li fi spazju ristrett mhuwiex possibbli li nikteb jew nagħmel riċensjoni xierqa tal-poeżiji Marjani Maltin jew tal-poeti li bil-pinna tagħhom taw ġieħ u qima lill-Madonna. Anzi se nażżarda ngħid li kważi kull min jaf iħarbex erba' kelmiet u jqabbel żewġ versi kulħadd kiteb fuq il-Madonna. Lanqas hu possibbli li mqar ninkludi jew nelenka l-bosta innijiet f'ġieħha. Jekk nagħmel dan ikun biżżejjed inħares lejn l-innijiet li jindaqqu fil-knejjes u l-parroċċi tagħna kull fejn hemm festa Marjana u anke l-kurunelli. Jekk imbagħad nerġa' naqsam dawn skont it-titli li jingħataw lill-Madonna, għal darba oħra l-ispazju xorta ma jkunx biżżejjed. Immaġinaw biss li kieku kelli nikteb dwar l-Innijiet tal-Assunta!

F'dan l-artiklu kulma se nagħmel hu li nlaqqagħkom ma' ftit kitbiet, anzi ma' tliet poeti li kollha weġġħu lill-Madonna bit-talent tagħhom. Se nsemmi biss lil Dun Karm Psaila, il-poeta nazzjonali, lil Patri Ananasju Cuschieri li huwa meqjus bħala l-poeta tal-Madonna u lil Rużar Briffa. Għal dan il-fatt għaliex għażilt lilhom hemm ukoll raġuni. Dan billi fil-poeżiji tagħhom li huma poeżiji ġenerali u mhux limitati biss għal xi parroċċa, fil-Madonna raw l-Omm li twennes, li tħobb u li tagħti l-faraġ u tilqa' fi ħdanha lill-imnikket u l-miġrub, raw f'Ommna ħarriesa ta' poplu, protettriċi, ħaġa li jien ċert li kulħadd iqisha.... Biżżejjed bħala prova nsemmi l-ġrajjiet tal-Konvoj ta' Santa Marija u r-Rebħa tal-Assedju l-Kbir tal-1565.

**Il-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila**

Ovvjament se nibda bil-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila l-ewwel u l-ogħla fil-quċċata tal-poeti tagħna. Naturalment, kemm bħala Kattoliku u wisq aktar bħala qassis, Dun Karm ma setax jonqos li ma jħobbx b'imħabba speċjali lill-Madonna. Għalih Marija kienet it-tieni omm tiegħu, jekk mhux l-ewwel.

Għas-saċerdot Żebbuġi Karmenu Psaila r-rwol tal-Madonna f'kitbietu hu ċentrali....Anzi l-Madonna kienet l-ispirazzjoni u l-protagonista ewlenija. Marija kienet l-ewwel li qawwiet u nisslet fih il-ħajra biex jikteb xi ħaġa bil-Malti. Bħalma ħafna jafu Dun Karm Psaila li kien ukoll minn tal-ewwel li beda jikteb bil-Malti u ġġieled biex ilsienna ma jibqax meqjus bħala l-ilsien tal-kċina, mhux minn dejjem kiteb b'ilsien pajjiżu tant li nafu li għall-bidu kien jikteb il-poeżiji tiegħu bit-Taljan, bħalma kienu jagħmlu l-poeti l-oħra. Dan għaliex it-Taljan kien meqjus bħala l-ilsien tal-altaklassi u tal-kultura.

Jingħad li kienu Mons. Pawl Galea u Ġużè Muscat Azzopardi li ħajru lill-Dun Karm jinseġ erba' versi bl-ilsien li tatu ommu, dan billi stednuh jibda

jikteb fil-perjodiku "Il-Ħabib". L-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti kitibha fl-età ta' 41 sena u kellha tkun dwar il-Madonna eżattament "Quddiem Xbieha tal-Madonna", li tibqa' waħda mill-isbaħ poeżiji Marjani Maltin. Hawn se nikkwota rakkont ta' Dun Karm innifsu dwar dan :

"Għodwa waħda, fl-1912, żewġt iħbieb tiegħi Monsinjur Pawlu Galea u Ġużè Muscat Azzopardi, iltaqgħu miegħi u ħajruni niktbilhom xi poeżija sabiħa għall-ewwel ħarġa ta' rivista ġdida li kienu se jibdew jippubblikaw bil-Malti, jismu *Il-Ħabib*. U dakinhar filgħaxija mort id-dar u quddiem xbieha tal-Madonna tlabt: "Għażiża ommi għidli inti x'għandi nikteb, jiena nixtieq nibda b'poeżija miktuba għalik." Dak il-ħin stess qomt bil-ħeffa u niżżilt dak li ħassejt fil-poeżija *Quddiem Xbieha tal-Madonna*."

Dun Karm beda jikteb ħafna poeżiji bil-Malti. Fosthom insibu l-Innijiet sbieħ f'ġieħ Alla u l-qaddisin ukoll, apparti dawk b'għanjiet ta' tifħir lil Malta. Imma fost dawn hemm ukoll dawk f'ġieħ il-Madonna. Hawn tajjeb niftakru wkoll li fl-1940 Dun Karm kien inħatar bħala l-ewwel Direttur Spiritwali tal-Leġjun ta' Marija. U la qed insemmu lill-Madonna u s-saċerdozju żgur nonqos jekk hawn ma nsellimx ukoll lill-ewwel qaddis Malti, San Ġorg Preca li ħadem kemm felaħ biex ifaħħar lill-Omm Imqaddsa, Omm l-iben t'Alla li sar bniedem – il-Verbum Dei, fosthom taħt it-titlu tal-Midalja Mirakoluża. Tajjeb ngħidu li Dun Karm Psaila kien ħabib kbir ta' dan is-saċerdot qaddis, tant li meta f'nofs is-snin erbgħin Preca kellu l-ħsieb li s-Soċjetà tal-Mużew ikollha skola ddedikata lil San Mikiel, talab lil Dun Karm jiktiblu innu għat-tfal ta' din l-iskola.

L-imħabba tal-poeta nazzjonali lejn il-Madonna twaħħdet miegħu, kellu fiduċja kbira fiha tant li fil-poeżija *Lil Ommi Marija* talabha tersaq lejn soddtu fis-siegħa ta' mewtu:

"Deh, meta tersaq l-aħħar
Siegħa tal-ħajja tiegħi,
Nixtieq ingħannqek miegħi
Ngħajjatlek 'Ommi' u mmut."

Dun Karm iqis lill-Madonna bħala omm, bħala għalliema, dan jidher l-iżjed fil-poeżija

***Sedes Sapienziae:***

"Miġburin hawn madwarek, Madonna,
Bħalma darba kien jagħmel Ġesù,
F'din l-iskola ta' mħabbtek għidilna
It-tagħlim ta' dan Ibnek x'inhu."

Fi *Bjuda* u *Id-Duluri* Psaila wera l-kobor ta' Marija, bil-maternità divina tagħha għax il-Madonna hija omm Alla. Marija hi sabiħa, ħanina u setgħana. F'Marija seħħ il-misteru tal-Inkarnazzjoni, li jispikka l-aktar fis-sunett *Bjuda*:

"U ħlomt ħolma tal-ġenna - dehra ġdida !
Rajtek tkebbeb, bħal star tfajla Lhudija
Li kienet xebba u kellha 'l binha f'idha."

Dun Karm pinġa b'kitbietu lill-Madonna bħala l-omm li tħobbna. **"Omm minn tagħna"** (*Id-Duluri*); **"omm li taf tagħder"** (*Mater Purissima*); **"Int l-omm l-aktar sabiħa"** (*Il-Għanja ta' Mejju*), **"Xemx ħanina"** (*Angelus*);

Kif għidt l-ispazju ristrett u ma nistax nidħol f'dettall dwar Dun Karm u l-Madonna biss nagħżel li fost dawn il-kitbiet nelenka Innu li hu għall-qalb kulħadd. Nistedinkom biss biex bl-immaġinazzjoni tagħkom tmorru lura fi tfulitkom fil-bitħa tal-iskola waqt l-*assembly*, inkella fil-quddiesa li konna nattendu fil-parroċċi tagħna qabel immorru l-iskola..... F'Mejju konna nisimgħu dan l-innu sabiħ li hu frott il-pinna tal-Poeta Nazzjonali... kantawh ...

**Innu lill-Madonna (Fil-Ħlewwa ta' Mejju)**

Fil-ħlewwa ta' Mejju, Omm tagħna Marija
O kemm idoqq ħlejju dak ismek sabiħ
Kemm toħroġ qawwija dil-kelma minn qalbna
Bit-tama li talbna jagħtik l-akbar ġieħ.

**Rit: Int l-għaxqa tas-sema**
**Ix-xemx tal-ħolqien**
**Int l-omm ta' min ħalqek**
**Bik mimli kull żmien.**

Jekk tiftaħ fil-ġonna il-warda Maltija
Tfakkarna o Madonna fil-lewn ta' ħaddejk
Jekk tidħak id-dija tal-kwiekeb irżina
Tfakkarna o ħanina fid-dawl ta' għajnejk. **Rit:**

Minn dejjem bint Alla, nadifa mill-ħtija
Infrixt bħal qawsalla fuq ras il-bnedmin
Int ftaħt o Marija l-għejun ta' kull ħniena
Fuq l-aħwa ħosbiena, fuq l-aħwa ħatjin. **Rit:**

Għalhekk ja sultana tal-ħlewwa Marija
Int biss tama tagħna, int qawwa tar-ruħ
Bil-grazzja mimlija kull waqt insellmulek
Bil-ħrara ngħajtulek fis-siegħa tad-dmugħ. **Rit:**

**Patri Anastasju M. Cuschieri**
Inħallu lil Dun Karm u nsellmu l-memorja ta' Patri Anastasju M. Cuschieri li twieled il-Belt, fil-parroċċa ta' San Duminku, fis-27 ta' Jannar, 1876, u tlitt ijiem wara għammduh u tawh l-isem ta' Pawlu.

Mhux sorpriża li dan ħuna ddedika ħajtu jikteb dwar il-Madonna dan għaliex anke l-istess vokazzjoni tiegħu kienet Marjana, dik ta' Patri fi ħdan l-Ordni tal-Labtu, il-Karmelitani. Fil-fatt meta temm l-iskola elementari u liċeali, Cuschieri ħaddan l-Ordni Karmelitan fil-25 ta' April, 1891. Fl-1902 Patri Atanansju Cuschieri nħatar Professur tal-Filosofija fl-Università Rjali ta' Malta. Hawn hu kien imfaħħar għall-lezzjonijiet sbieħ tiegħu fl-Università, fejn id-dehen ta' dal-poeta Karmelitan, imħallat mal-mod ħlejju li kien jgħallem bih, malajr mela l-qlub tal-istudenti tiegħu b'dik il-ġibda kbira li għadha miftakra sal-lum. Hu kien ukoll maħtur Provinċjal tal-Ordni Karmelitan darbtejn. Cuschieri ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar l-Erbgħa, 25 Lulju 1962. Malta tilfet filosfu għaref, teologu studjuż, oratur kbir, storiku u senatur. Malta baqgħet tiftakru bħala l-akbar poeta Malti tal-Madonna.

Fost il-poeżiji Marjani, apparti l-Innu lill-Madonna tal-Karmnu tal-Belt, insemmu *Fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu*. F'din il-poeżija u f'poeżiji Marjani oħrajn ta' Cuschieri ninnutaw li fiha mhux biss tirrifletti s-saċerdozju tiegħu imma wkoll hi minsuġa b'tifħir lill-Madonna li fiha l-poeta jilmaħ u jagħraf il-figura materna, femminili tant li jsejħilha **"ja ommi"** u **"b'wiċċ il-ħelu ta' dik ommi"** . Għal dan il-Patri Karmelitan, il-Madonna hija wkoll għajn ta' faraġ f'mumenti importanti tal-ħajja, l-aktar fil-ħin tal-mewt u waqt xi kriżi. Cushieri tant hu marbut mal-Madonna li jkun iridha ħdejh u miegħu, anke meta n-niket ta' ħajtu jwasslu biex ikollu xewqa ta' mewt:

Mill-istess poeżija fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu nislet dawn il-versi :

"Lejk indur, minnek nistenna
faraġ"

"fuq is-sodda tal-mewt tiegħi
ejja fis agħlaq għajnejja"

Il-poeżiji ta' Patri Anastasju Cuschieri jinsabu miġbura fil-ktieb ***Cuschieri: Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija*** li ħareġ fl-1967 b'introduzzjoni mill-Prof. Ġużè Aquilina. B'kollox dan il-ktieb fih mal-81 poeżija. Fejn fit-taqsima ddedikata lill-Poeżija Reliġjuża (56 poeżija); insibu poeżiji dwar il-Madonna; il-Milied; u oħrajn ddedikati lil qaddisin varji bħal San Pawl. Bla dubju l-ikbar numru ta' poeżiji kien iddedikat lill-Madonna.

Fl-introduzzjoni tiegħu l-Prof. Ġużè Aquilina jsostni li Anastasju Cuschieri O.C. "iħabbatha ma' Dun Karm u ħafna drabi jilħaq spalla ma' spalla miegħu." Aquilina jorbot lil Dun Karm u lil Cuschieri flimkien għax it-tnejn, kif jgħid hu huma ***Poeti Patrijottiċi u tal-Kelma Maltija u anke Poeti tal-Madonna*** Il-Prof. Ġużè' Aquilina jgħid li, "**Il-poeta tal-Madonna fil-letteratura Maltija jibqa' Cuschieri, b'dawk il-versi tan-nar u mħabba, naturali ħafna mingħand Karmelitan, iżda bis-sunett *Mater Purissima* Dun Karm laħaq, u forsi għadda lil Cuschieri**" ("Antoloġija": A.C. Aquilina, 1969). Dan is-sunett ta' Dun Karm, Aquilina jsejjaħlu "**ġawhra tal-letteratura tagħna**".

Nagħlaq din il-ħarsa ħafifa lejn Patri Atanasju Cuschieri billi nagħżel li nġibilkom għall-attenzjoni tagħkom l-Innu Popolari lill-Madonna tal-Karmnu bl-isem **Sliem għalik Omm tal-Karmelu** li jitkanta fis-Santwarju Karmelitan u Bażilika tal-Belt Valletta, kitba ta' Patri Atanasju Cuschieri u mużika ta' Valhmor Montfort u Matthew Fenech

**Sliem għalik Omm tal-Karmelu**

Viva l-Omm tal-Karmelitani
Viva l-Għaxqa tal-Maltin
Fis-Santwarju fejn hi qiegħda
Illum aħna miġburin

Sliem għalik Omm tal-Karmelu
Inti l-għaxqa tal-Maltin
Minn tfulitna sal-mewt tagħna
B'qalbna miegħek marbutin

Ejja mmorru siegħa ħdejha
Oh, kemm lilna tkun ta' ġid
Tinsa n-niket tinsa kollox,
Il-qalb taqlà kulma trid

Sliem għalik Omm tal-Karmelu
Inti l-għaxqa tal-Maltin
Minn tfulitna sal-mewt tagħna
B'qalbna miegħek marbutin

**Ružar Briffa**
L-aħħar poeta li se nikteb dwaru huwa Ružar Briffa. Dan mhuwiex meqjus bħala poeta Marjan biss fost ix-xogħlijiet tiegħu għandu waħda mill-isbaħ poeżiji Marjani. Fl-opinjoni tiegħi din hi l-isbaħ u l-aktar li tispikka. Dan għaliex il-Madonna hi omm li tagħder u tħenn, omm li nitolbuha tinżel ħdejna fit-tbatija u fin-niket – Omm id-Duluri, li bla dubju hu l-iktar titlu li hu għall-qalb il-Maltin. Din il-poeżija jisimha **L-Għanja ta' l-Imnikket**..... u f'ħajtu Briffa daq sew il-kruha u l-iebes.

Ružar Briffa twieled il-Belt fis-16 ta' Jannar 1906. Fl-1924 beda jistudja l-mediċina fl-Università bil-għan li b'din il-professjoni jkabbar is-sbuħija tal-ġilda tal-bniedem u jnaqqas il-kruha. Dan għamlu wkoll billi mar jistudja d-Deramtologija f'Londra sakemm fl-1932 ġie lura Malta bħala speċjalista tal-mard tal-ġilda. Dan wassal biex kien ewlieni fil-ħidma kontra l-pesta li faqqgħet fl-1936 u fl-1945

Sena wara żżewweġ lil Constance Winifrid Dunn u fl-1936 twilditilhom tifla li semmewha Ċeċilja. F'April tal-1950 mietet martu Constance wara marda kiefra u Briffa ħassu sew il-piż tal-ħajja u solitudni, liema piż jinsab rifless sew fil-poeżiji tiegħu, fosthom **Fl-Għanja ta' l-Imnikket**. Briffa minn ċkunitu kellu jġorr is-salib u tnikket għall-ewwel darba minħabba l-mewta ta' ħuh izgħar minnu. Wara l-mewt tal-ewwel mara, Briffa nnifsu kompla jġorr is-salib tan-niket u l-mard l-aktar billi f'Lulju 1961 sar jaf li ħakmitu l-marda serja tal-kankru li wasslet biex fit-22 ta' Frar 1963 miet f'daru l-Belt.

Ružar Briffa kien bniedem ta' ftit kliem, introvert, u sieket. Kien bniedem sensittiv ħafna u jemozzjona ruħu malajr meta jara lil ħaddieħor ibati. Il-professjoni tiegħu żiedet il-malinkonija f'ħajtu, għax is-sofferenzi ta' ħaddieħor kien iħosshom hu! Patri Ġużè Delia jgħid hekk "...dejjem sibtu ta' sentimenti kbar, dejjem mimli mogħdrija lejn għajru u dejjem lest biex jaqdi lil kulħadd. Kellu qalb li taf tassew tħobb."

Ċertament li Briffa fetaħ it-triq tal-poeżija riflessiva, imnebbħa l-aktar min-niket u s-solitudni. Bosta drabi l-poeżiji tiegħu huma ambjentati fi mkejjen solitarji; u kitbietu huma miżgħuda bi kliem li jixhed it-twarrib, it-telqa, is-skiet, l-art imbiegħda, knejjes imġarrfa, ix-xatt, knejjes minsija, għoljiet, xagħra, ċimiterji u monasteru.

Il-mard jinħass spiss fil-poeżiji tiegħu. ***Fl-Għanja ta' l-Imnikket***, huwa jidentifika ruħu ma' raġel marid bil-ġdiem, u jħoss it-toqol tal-marda minfloku. Ir-raġel li jsib il-faraġ fil-Madonna biss. L-omm li ma toqgħodx tħares lejn l-uċuħ u l-ġieħ li jippreżentawlha imma lejn il-qalb tal-bniedem. Marija hija l-omm kollha ħlewwa u ħniena.

**L-Għanja ta' L-Imnikket**

O Madonna tad-Duluri
Mhux il-ward jien fittixt
Ħa nsebbaħ darek
U nfewwaħlek lill-artalek
Imma x-xewk minn qalb x-xagħri
U l-għollieq marrad musfari
O' Madonna tad-Duluri, dana biss

O' Madonna tad-Duluri l-oħrajn ġew
U bid-deheb għammru lil darek
U bil-ħaġar sawwru altarek
Jiena biss kont il-barrani
Mingħajr ward u deheb il-għani
Jiena biss...

O' Madonna tad-Duluri
Ma stmerrejtx int 'l imnikket ġewwa darek
Imma tbissimt minn fuq Altarek
Kollok ħlewwa kollok ħniena
Serraħt int lill-qalb għajjiena
Inti biss....